**Minuti tal-Laqgħa nru 28 tal-Ħames Kunsill Lokali tal-Mosta li ġiet imsejħa għal nhar il-Ħamis 23 ta' Lulju 2009 fis-7.30 p.m. iżda ma saritx billi ma ntlaħaqx quorum u reġghet ġiet imsejħa ghas-Sibt 25 ta' Lulju 2009 fis-2.00 p.m. bl-istess agenda.**

Il-laqgħa bdiet fis-2.00 ta' wara nofsinnhar.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxa il-laqgħa tal-kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Paul Chetcuti Caruana | 14.00 p.m. | 17.00 p.m. |
| Viċi Sindku Josette Agius Decelis | 13.55 p.m. | 15.40 p.m. |
| Kunsillier Joseph Demartino | 14.00 p.m. | 17.00 p.m. |
| Kunsillier Mario Sammut | 13.45 p.m. | 17.00 p.m. |
| Kunsillier Shirley Farrugia | 14.05 p.m. | 17.00 p.m. |
| Kunsillier Marthese Mifsud | Skużata | |
| Kunsillier Paul Agius | 13,30 p.m. | 17.00 p.m. |
| Kunsillier Kirby Fenech | 14.00 p.m. | 17.00 p.m. |
| Kunsillier Christopher Grech | Assenti | |
| Kunsillier John Mary Camilleri | Skużat | |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | Skużat | |

Is-Sindku mexxa il-laqgħa tal-Kunsill.
Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

## 1 Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa Nru 27 tal-10 ta' Ġunju 2009

**1.01** Il-minuti ġew approvati b'korrezzjoni waħda f' paragrafu 11,02 (3) li ġiet mitluba mis-Sur Mario Sammut. Wara l-kliem 'BBQ' fid-29 ta' Awwissu' jiżdiedu il-kliem 'It-Transport jiġi provdut biss għall-BBQ li ser jsir fi Ġnien l-Għarisa tal-Mosta '. Din l-emenda ġiet aċċettata unanimament u l-minuti ġew iffirmati.

## 2.0 Taghrif mill-Minuti

2.01 Ma kienx hemm l-ebda tagħrif li ħareġ mill-minuti.

## 3.0 Korrispondenza

3.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lista ta' korrispondenza għall-attenzjoni tal-Kunsill. Billi il-lista kienet twila wisq ġie deċiż li tissejjaħ laqgħa oħra tal-Kunsill bil-korripsondenza bħala l-unika agenda item.

## 4.0 Materji Finanzjarji - *approvazzjoni ta' pagamenti*

4.01 Ġew approvati listi ta' pagamenti kif ġej:
Pagamenti Urġenti ~~€95,495.16~~ €117,995-16
Pagamenti Oħra €69,962.65
Petty Cash (May 09) €72,50
Petty Cash (June 09) €157,61

**5.0** ***Recruitement of New Staff* – Twaqqif ta' Interviewing Board**

5.01 Wara li kien ġie deċiż li l-Kunsill jimpjega żewġ skrivani ġodda u Environmental Officer li kien ilhom neqsin u wara li kienet ħarġet sejħa interna għall dawn il-vaganzi, is-Sindku ippropona li jitwaqqaf Interviewing Board għall għażla ta' dawn l-impjegati ġodda u sabiex jara li l-proċess jsir kif titlob il-liġi.

Huwa ppropona dawn il-membri:

Is-Sindku Dr. Paul Chetcuti Caruana
Il-Viċi Sindku Josette Agius Decelis
Is-Segretarju Eżekuttiv John J. Camilleri
Is-Sur Joseph Cristina

Is-Sur Paul Agius ippropona li jkun hemm rappresentanza tal-PN fuq dan il-board tal-għażla billi jiġu maħtura wkoll kunsillieri mill-kamp nazzjonalista wkoll. ~~Is-Sur Joseph Demartino u Dr. Shirley Farrugia~~ talbu li ~~huma~~ jkunu fuq il-bord tal-għażla. Is-Sinjura Josette Agius Decelis issuġġeriet li minflok tiġi maħtura is-Sinjura Marthese Mifsud u jiżdied ukoll il-Perit Chris Grech. Is-Sur Demartino u Dr Farrugia ipprotestaw għall fatt li ġiet proposta s-Sinjura Mifsud sabiex tirrappreżenta il-grupp tagħħhom meta din anqas biss kienet preżenti għall-din il-laqgħa. Ġie għalhekk deċiż li f'każ li s-Sinjura Marthese Mifsud ma taċċettax il-kariga tidħol minflokha it-Tabiba Farrugia, Il-Bord tal-għażla għalhekk ġie approvat kif ġej:

Is-Sindku Dr Paul Chetcuti Caruana
Il-Viċi Sindku Josette Agius Decelis
Is-Sinjura Marthese Mifsud jew Dr. Shirley Farrugia minflokha
Il-Perit Chris Grech
Is-Segretarju Eżekuttiv John J. Camilleri
Is-Sur Joseph Cristina

**6.0 Kumitat tal-Kuntratti**

6.01 Is-Sindku ippropona li jinbidlu il-membri tal-Bord tal-Kuntratti. Huwa ippropona li l-Perit Alfred Grech jieħu post il-Perit Maurice Galea.

Bħall fil-każ ta' item 5.01 fuq inqalgħet il-kwistjoni ta' min għandu jirrappreżenta lin-naħa Nazzjonalista tal-Kunsill . Għall-darba oħra il-Viċi Sindku Josette Agius Decelis li s-Sinjura Marthese Mifsud tkun il-membru li jirrappreżenta lill-P.N. Reġa kien hemm protesti mis-Sur Joseph Demartino u Dr. Farrugia u bħal fil-każ l-ieħor ġie propost li f'każ li s-Sinjura Mifsud ma taċċettax il-kariga tidħol Dr. Shirley Farrugia minflokha.

6.02 Il-Kumitat tal-Kuntratti ġie approvat b'dawn il-memebri:

Is-Sindku Dr Paul Chetcuuti Caruana
Il-Viċi Sindku Josette Agius Decelis
Is-Sur Mario Sammut
Is-Sinjura Marthese Mifsud jew Dr. Shirley Farrugia minflokha
Il-Perit Alfred Grech

Is-Segretarju Eżekuttiv John J. Camilleri

Is-Sur Joseph Cristina

6.03 Ġie aċċettat li f'dan il-kumitat is-Segretarju Eżekuttiv għandu jattendi ex ufficiju u ma jivvutax. Is-Sindku bħala Chairman għandu jkollu l-casting vote f'każ ta' parita ta' voti.

**7.0 Approvazzjoni ta' kalendarju ta' attivitajiet**

7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa llill-kunsilliera kollha li hemm bżonn jiġi iffissat kalendarju tal-attivitajiet tal-Kunsill minħabba kwistjoni ta' budget. Ma kienx possibbli li l-attivitajiet jiġu organizzati spontanjament mingħajr allokazzjoni ta' budget min qabel.

7.02 Is-Sindku talab lill-Kunsilliera kollha sabiex jissottomettu lista ta' attivitajiet li xtaqu jagħmlu u li kemm jista jkun ma jinħoloqx konflitt bejn il-Kunsilliera b'attivitajiet ta' l-istess natura jew fl-istess żmien.

7.03 Sa dan it-tant ġew approvati dawn l-attivitajiet:

7.04 BBQ fid-29 ta' Awwissu – Mario Sammut – Budget €550. Is-Sur Mario Sammut ġie mitlub jinforma u jistieden lill-Kunsilliera kollha għall din l-attivita. Huwa qal li ser jagħmel tajjeb għall-ispejjes oħra billi id-dħul ikun ta' €12 kull ras. Il-Kunsill jħallas għall-kantanti, Dj, Transport, u kiri ta' siġġijiet u mwejjed.

7.05 Is-Sinjorina Kirby Fenech talbet budget għas-somma ta'€2500 sabiex tiġi organizzata speci ta' Notte Bianca (l-isem magħżul aktar tard kien ta' Mosta Dome Festival) b'attivitajiet differenti fl-istess ħin f'diversi pjazzez u toroq ta' madwar iċ-ċentru tal-Mosta.

**8.0 Festa Santa Marija**

**Kiosks**

8.01 Ġie approvat li jiġu provduti mobile toilets, skips u tank għaż-żejt użat fejn jintramew il-kjosks. Kien għalhekk li dawn l-operaturi ~~għandhom jiġu~~ mitluba jħallsu €30 – aktar għall-parteċipazzjoni tagħhom. Il-Kunsill għandu jara li ssir *bye law* għall dan il-għan.

**8.02 Tindif ta' Zuntier tal-Knisja**

Ġie approvat li jsir wkoll tindif taz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali f'dawn il-ġranet tal-Festa u għalhekk għandu jiġi ikkompensat il-kuntrattur għall dan ix-xogħol extra.

8.03 Dwar tal-kjosks u tal-qubbajd ġie deċiż li jsir kollox bħas-sena l-oħra. Dwar t-talba tal-pulizija u tal-Arċipriet li tal-kjosks jinbidlilhom il-post, ġie deċiż li jsiru laqgħat dwar dan is-suġġett. Dawn il-laqgħat mal-partijiet kollha konċernati għandhom jibdew kmieni kemm jista jkun sabiex sena oħra ma nerġgħux niġu iffaċċjati bl-istess problemi.

**9.0 Heritage Malta – Ta' Bistra /Talba għall-Kanuni**

9.01 Dwar it-tiġdid tal-ftehim ma' Heritage Malta s-Sindku iddikjara li huwa ma kienx kuntent bil-fatt li dan il-kumitat mħallat huwa żbilanċjat favur Heritage Malta b'erba voti kontra tlieta. Huwa xtaq ukoll li c-chairperson jkun *rotating* bejn il-Kunsill u Heritage.

Barra minnhekk huwa enfasizza wkoll li l-Kunsill ma għandux finanzi allokati għall dan il-proġett. Huwa qal li kien qed jinnegozja ma' Heritage Malta għall-kundizzjoni aħjar u

kien ser jinsisti sabiex il-Kunsill jingħata xi kanuni minn dawk li hemm fil-fortizza tal-Mosta.

**10.0 Adjudicating of Quotations**

**Transport**

10.01 Is-Segretarju ressaq il-quotations li nġabru għall-transport bil-buses. Ġie deċiż li dan jingħata lill Paramount Garages billi dan kien l-irħas. Dan għandu jingħata għall-sena jew sakemm tintlaħaq is-somma ta' (Lm 2000)- €4658,74.

**10.02 Catering**

Ġew ippreżentati wkoll quotations għall catering. Ġie deċiż li dan jingħata fuq sistema ta' rotation lill 1) La Buona Dolceria, 2)Dolcezza 3) Chocolat u 4)Tree Cake għall sena jew sakemm tintlaħaq is-somma ta (Lm2000) €4658,74 kull wieħed.

**10.03 Street Furniture**

Ġie deċiż li dan jingħata lill-Mario Mallia għall-sena jew sakemm tintlaħaq is-somma ta' (Lm2000) €4658,74.

**10.04 Printing**

Ġie deċiż li dan jingħata lill-Dormax Press Co Ltd billi dan kellu pakkett vantaġġjuż. Dan għandu jingħata għall-sena jew sakemm tintlaħaq is-somma ta' (Lm2000) €4658,74.

**11.0 Jum il-Mosta/ Ġieħ il-Mosta**

11.01 Ġie deċiż li Jum il-Mosta issir fil-ġurnata tagħha 16 ta' Settembru 2009. Is-Segretarju ġie inkarigat joħroġ is-sejħa għal nominazzjoni ta' Ġieh il-Mosta kemm fil-gazzetti u kemm b'ittra lill-għaqdiet kollha tal-Mosta.

Is-Sindku informa li kien ser jistieden lis-Sur Freddie Micallef bħala il-mistieden speċjali għal din is-serata.

**12.0 Ħwejjeġ oħra**

**12.01 Użu tal-Mutur**

Is-Segretarju qal li din kienet materja amministrattiva u barra minnhekk il-mutur kien meħtieġ għall-użu tal-Environmental Officer meta dan jiġi ngaġġat.

**12.02 WSC Kanali tal-Ilma**

Għandu jintalab meeting mal-Water Services Corporation dwar dan.

**12.03 Ġnien Santa Margerita**

Ġie approvat li jiġi organizzat u mnaddaf il-Ġnien ta' Santa Margerita fl-area tal-Bring-in-sites.

**12.04 Attivita mid-Dimples Bar**

Ma ġietx aċċettata proposta għall-attivita fi pjazza 15 ta' Settembru mid-Dimples Bar. Dan minħabba inkonvenjenza għall-ġirien ta' dik l-area. Attivitajiet bħal dawn ma għandhomx jingħataw permess.

L-agenda ġiet eżawrita u ġie deċiż li tissejjaħ laqgħa oħra f'Awwissu jew qabel ma s-Segretarju joħroġ bil-leave annwali (17 ta' Awwissu sat -28 ta' Awwissu).

Jekk jkun hemm bżonn is-Sinjorina Nadia Camilleri għandha tintalab tattendi l-meeting fin-nuqqas tas-Sur J.J. Camilleri.

Il-laqgħa spiċċat fil-5.00 p.m.

Dott Paul Chetcuti Caruana
Sindku

John J. Camilleri
Segretarju Eżekuttiv